**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 82** **28 ta' Mejju, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fit-28 ta' Mejju fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Elenia Desira - Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **82.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | Daniel Zerafa ma setax jattendi u bagħat ittra ta' apoloġija.<br>Il-laqgħa bdiet fl-16:36. |
| | |
| **82.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda l-minuti tal-laqgħat No 80, 81 u 82. |
| | |
| **82.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 82.3.1 | Is-Sindku informal lill-kunsilliera preżenti li saret laqgħa fis-6 ta' Mejju l-OPM dwar il-Caravans. Qiegħed jiġi diskuss fejn se tkun iż-żona allokata għall-'caravans/campers'. |
| 82.3.2 | Is-Sindku semma wkoll li fis-7 ta' Mejju kellu laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu dwar il-proġett tal-Magħluq. |
| 82.3.3 | Fid-9 ta' Mejju s-Sindku kellu inawgurazzjoni ta' skema tal-Lesa fejn il-Kunsill kien applika għall-vann tal-elettriku biex iservi għall-manutenzjonijiet ġewwa l-lokal. Dan ġie approvat u l-kunsill ħa jibbenifika minn sussidju fuq ix-xiri ta' dan il-vann. |
| | |
| **82.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 82.4.1 | Stephen Caruana staqsa dwar il-marki u t-tabelli ta' fejn il-pontijiet jekk humiex lesti. Is-Sindku wieġeb li daqt ser ikunu lesti u ser jiġu mmarkati bl-aħdar. |
| 82.4.3 | Elenia Desira staqsiet ukoll dwar il-linji sofor li jindikaw it-tqegħid tal-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti. Is-Sindku kkonferma li dawn saru diġa' din il-ġimgħa. |
| | |
| **82.5** | **Billboard tal-Kunsill Lokali** |
| 82.5.1 | Ġie propost li jsir billboard għall-użu tal-Kunsill u biex anka tinkera mill-kunsill lill-entitajiet, għaqdiet u individwi. Ġie suġġerit mill-perit li ssir fi Triq Marsaxlokk, faċċata ta' fejn hemm ir-Redentur. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |

| | |
|---|---|
| | |
| **82.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-talbiet u ilmenti** |
| 82.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment quddiem il-kunsill u ġie deċiż li ħa jiġi mitkellem biex jippreżenta aktar evidenza uffiċjali. |
| | |
| **82.7** | **Planning Authority** |
| 82.7.1 | Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni li kellha bżonn il-kunsiderazzjoni mill-Kunsill. |
| | |
| **82.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| 82.8.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana. |
| | |
| **82.9** | **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.** |
| 82.9.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 82 ġiet fit-tmiem fil-16:53, wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss, li se tkun nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 27 ta' Ġunju, 2024.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***